# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 014/8

Il-Ħamis 21 ta' Novembru 2019

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
Maria Micallef – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Antoinette Azzopardi - Deputat Segretarju Eżekuttiv
Joseph M. Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

014.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji;

014.2 Milied ta’ Dari;

014.3 Tmiem tal-laqgħa.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Sa Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.18pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**014.1.0 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji**

014.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji.

**014.2.0 Milied ta’ Dari**

014.2.1 Is-Sindku spjegat x’kienet ir-raġuni għaliex intalbet din il-laqgħa b’urġenza u għaldaqstant stiednet lis-Sur Caruana sabiex jagħti rendikont dwar dak li ġie diskuss fiż-żewġ laqgħat li saru tas-Sotto Kumitat - Kultura.

Is-Sur Caruana informa li bħalma jsir is-soltu l-għaqdiet/każini aċċettaw li jżejnu t-toroq bħalma sar fis-snin li għaddew. Saret talba min-naħa tal-Kunsill sabiex id-dawl jinxtegħel mit-08 ta’ Diċembru iżda għal din is-sena impossibbli. Din it-talba se tiġi kkonsidrata għall-Milied tas-sena d-dieħla.

014.2.2 L-attività Milied ta’ Dari se ssir il-Ħadd 22 ta’ Diċembru 2019 mill-4pm ‘il quddiem. Għal din l-attività se jieħdu sehem is-Soċjetà Filarmonika La Stella, l-Għaqda Mużikali Marija Assunta u l-Parroċċa.

Mill-fondi li l-Kunsill se jingħata mir-Reġjun, €1500 se jitqassmu fuq il-tliet għaqdiet fis-sens illi l-attivitajiet li se jorganizzaw, ta’ siegħa kull wieħed, se jkunu mħallsa mill-Kunsill kif ukoll se jiġu armati bit-tiżjin tal-Milied dawn it-toroq:

Għaqda Mużikali Marija Assunta – Triq William Baker
Soċjetà Filarmonika La Stella – Triq il-Kbira
Il-Parroċċa – Triq iż-Żebbuġa

Il-ħinijiet tal-attività se jkunu mqassma hekk u dawn se jitilgħu polza:
Għaqda A – 4.30pm – 5.30pm

Għaqda B – 6.00pm – 7.00pm
Għaqda C – 7.30pm – 8.30pm

Fit-8.30pm se ssir purċissjoni bil-Bambin mill-Mużew sal-Knisja fejn l-Arċipriet aċċetta li l-Knisja tkun miftuħa għall-pubbliku waqt il-ħin tal-attività.

Il-Kunsill se jipprovdi 2 tined lil kull għaqda kif ukoll sound li dan se jkun ċentralizzat sabiex ikun hemm kontroll.

Kull għaqda se tkun qed tbiegħ ikel u xorb li dan se jkun differenti għal kulħadd, fejn tal-Għaqda Mużikali Marija Assunta se jkollhom torti u bar, tal-Parroċċa timpana, hotdogs u bar, Soċjetà Filarmonika La Stella se jkollhom il-ħelu u bar.  Se jkun hemm stand oħra tal-Grupp Żgħażagħ Gudja fejn se jkollhom mulled wine u qagħaq tal-għasel.

Ġie ssuġġerit ukoll li ssir wirja tal-presepji fil-Knisja tal-Annunzjata dakinhar tal-attività bejn l-4pm u d-9pm u għalhekk għandu jintalab permess u jinkiseb arranġament mingħand il-kuratur ta' din il-Knisja sabiex tittella' din il-wirja.

Il-faċċata tal-Kunsill għandha tiġi armata bit-tiżjin tal-Milied u fi Triq San Ċiru se tiġi armata siġra tal-Milied mal-art bix-xemgħa li dawn ix-xemgħat se jkunu ġo flixken tal-plastik.

Dwar il-powster dan tlesta u se jittella' fuq facebook u l-Kunsill iddeċieda li jsir sponsorship tiegħu fuq facebook għal prezz ta' €20.00 sabiex dan ir-riklam jiġi ixxerjat kemm jista' jkun.

Il-Kunsill iddeċieda wkoll illi f'każ li l-Ħadd 22 ta' Diċembru titħassar l-attività minħabba l-maltemp, din għandha ssir l-għada t-Tnejn 23 ta' Diċembru 2019 fl-istess ħinijiet.

Is-Sur Caruana qal li se jiġbor aktar informazzjoni dwar parata taż-żfin li forsi ssir fil-pjazza.

Fuq iz-zuntier se jkun hemm Presepju ħaj fejn miegħu se jkun hemm żewġ korijiet sabiex janimaw dan il-Presepju.

Ir-residenti għandhom jiġu mħeġġa sabiex jarmaw it-twieqi bil-Bambin u jixegħlu l-faċċati tad-djar tagħhom.

Is-Sindku qalet illi dwar il-figura ta' Father Christmas dan għandu pendenti peress li għad ma hemmx il-programm finali tal-għaqdiet.

Dwar it-tiżjin tal-Milied f'Tal-Mitħna, se jinġabru 3 kwotazzjonijiet u l-Kunsill se jimxi b'direct order hekk skont kif ġie maqbul f'laqgħa oħra tal-Kunsill.

Dwar l-istands għall-għaqdiet, Sa. M Micallef qalet li se tagħmel mill-aħjar sabiex dawn jiġu mislufa mill-MTA. Iżda f'każ li dawn ma jkunux disponibbli l-Kunsill għandu jiġbor xi kwotazzjonijiet sabiex dawn jinkrew. B'kollox hemm bżonn bejn 6 u 10 stands. Il-Kunsill jista' wkoll jarma xi stand tal-artiġjanat.

Il-Kunsill għandu jieħu ħsieb japplika għall-permessi meħtieġa u kif ukoll jordna s-servizz tal-Uffiċjali tal-Komunità (4 b'kollox) sabiex ikun hemm kontroll tat-traffiku. 2 għandhom ikunu fejn is-Salib u 2 fil-bidu ta' Triq R. Caruana ħdejn Dawret il-Gudja. Sinjali tan-no parking għandhom jitpoġġew fil-pjazza mill-21 ta' Diċembru 2019 u l-pjazza tingħalaq kompletament għat-traffiku fit-22 ta' Diċembru 2019 mill-10am 'il quddiem sat-tmiem tal-attività.

**014.3.0 Tmiem tal-laqgħa**

0014.3.1 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalqet il-laqgħa fis-6.42pm.

Konfermati, illum ________________________

PL Marija Sara Vella
Sindku

Antoinette Azzopardi
Deputat Segretarju Eżekuttiv